MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 93/2003

Kai Jochimsen bhala mandatarju tas-socjeta` estera
Meyer & Meyer GmbH & Co, KG
vs
ACE Freighters Limited u ACE Shipping Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur nomine li biha ippremetta:

Illi l-konvenuti huma debituri lejn l-attur nomine fis-somma ta’ hamsa u tletin elf, mitejn u tlieta u sebghin EURO (€35,273.00) gja ekwivalenti ghal sebghin elf disa’ mija u sitta u disghin Deutchmark (DEM 70996.00) li huma ekwivalenti ghal cirka erbatax-il elf u tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm14,880.00) liema somma hija dovuta bhala prezz ta’ garr ta’ merkanzija maghmula fuq ordni tal-konvenuti stess.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont pero` baqghu inadempjenti [skond il-korrezzjoni awtorizzata b'digriet tad-29 ta' Settembru 2003].

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom debituri lejn l-attur nomine fis-somma ta' Lm14,880.00 dovuta bhala prezz ta' garr ta' merkanzija maghmula fuq ordni tal-konvenuti stess.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lill-attur nomine fis-somma ta' Lm14,880.00 dovuta bhala prezz ta' garr ta' merkanzija maghmula fuq ordni tal-konvenuti stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' ACE Freighters Limited et li biha eccepiet:

1. Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li gja sar il-pagament kollu u ma hemm xejn dovut u dan jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghas-suepost l-ammont pretiz mill-attur jew hafna minnu huwa preskritt mil-Ligi.

3. Illi l-Ace Shipping Limited ma ghandha x'taqsam xejn ma' din it-tranzazzjoni u qatt ma kellha relazzjoni mal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati ACE Freighters Limited et.

**C. KONTRO-TALBA:**
Rat il-kontro-talba tal-konvenut li biha ippremetta:

Illi l-attur rikonvenut li huwa debitur lejn is-socjeta` konvenuta rikonvenuta fis-somma ta’ circa tnax-il elf sitt mija u sebgha punt hamsa u ghoxrin EURO (€12,607.25) gja ekwivalenti ghal cirka erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u hamsin punt hamsa u sittin Deutchmark (DEM 24,657.65) li huma ekwivalenti ghal cirka hamest elef erbgha mija wiehed u tletin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm5,431.82) liema somma hija dovuta bhala prezz ta’ garr ta’ merkanzija maghmula fuq ordni ta’ l-attur stess.

Illi l-attur debitur gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont pero` baqa’ inadempjenti.

Il-konvenut talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur debitur lejn l-konvenut fis-somma ta’ Lm5,431.82 dovuta bhala prezz ta’ merkanzija maghmula fuq ordni tal-konvenut stess.

2. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut fis-somma ta’ Lm5,431.82 dovuta bhala prezz ta’ garr ta’ merkanzija maghmula fuq ordni ta’ l-attur stess.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda prezentata mill-konvenuti.

**D. ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenut li biha eccepixxa:

Illi, in linea preliminari, il-kontro-talba tal-konvenut hija nulla u bla effett stante li mill-atti prezentati fit-13 ta’ Gunju, 2003, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta’ liema mis-socjetajiet konvenuti (u cioe` ACE Freighters Limited jew ACE Shipping Limited) qieghda fil-fatt tezercita azzjoni ta’

rikonvenzjoni kontra l-attur nomine – u dan kif rikjest mill-Artikolu 396 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, stante li l-attur nomine m'ghandu jaghti l-ebda ammont lill-konvenut, u dana kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda prezentata mill-attur nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Dr. Clemens Haskamp fejn issemma li wara investigazzjoni gdida, dettaljata u kritika, jirrizulta fit-talba kurrenti u applikabbli ta' l-attur Adolf Meyer u Joseph Meyer ***Internationale Spediteure GmbH & Co. KG***, kontra l-intimat, ACE Freighters Ltd Shipping/Freight Forwarders, ghal valur ta' DM 63,202.35 mill-kont tal-klijenti kongunt flimkien ma' kapital, kif ukoll mid-dokumentazzjoni (*statements*) tal-kont kurrenti mhejjija mill-intimat ta' l-24 ta' Frar 2000 ta' DM 4,324.69 li s-somma ta' danni totali flimkien jammontaw ghal DM 67,527.04.

Xehed Dr. Clemens Haskamp, CEO ma' Meyer ghal xi 14-il sena, u ilu jahdem mal-kumpanija mill-1 ta' Jannar 1991. Gie riferut ghall-affidavit tieghu a fol 34 tal-process, gie mistoqsi biex jispjega d-dokumenti xi jfissru u qal li hemm xi *invoices*, *credit notes* minn Meyer ghall-Ace Freighters fejn qed jistaqsu ghall xi flus.  Ta ezempju b'fol 41 li hi

*invoice* minn Meyer and Meyer ghal Ace Freighters. Fl-ahhar tal-kalkolazzjoni sabu li kien hemm telf ta' 3930. Gie mistoqsi biex jispjega kif wasal ghall-konkluzjoni li kien hemm telf u biex jispjega l-ammonti fil-kolonni varji u qal li hemm l-*imports* u l-*exports*. *Exports* mill-Germanja ghal Malta u l-*imports* minn Malta ghall-Germanja u *vice versa*. Il-process huwa li l-fabbriki tal-produzzjoni jaghtu l-*goods* lil Meyer and Meyer li l-ewwel jigu migburin mill-ACE li jlestu d-dokumentazzjoni mbaghad huma l-Meyer and Meyer jihduhom gewwa l-Germanja. L-*invoices* jigu migbura minn Meyer and Meyer u ftit minnhom mill-ACE. Il-ftehim kien li l-profitt u t-telf jigi maqsum bejn it-tnejn. Kull profitt tat-trasport gie maqsum bejn 2 u ghalhekk huma taw il-flus lil ACE, u gieli hadu flus mill-ACE. In kontro-ezami gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-*container* kien ser ikun nofs vojt u qal li huma kienu ftehmu li jkun hemm telf jinqasmu bejn tnejn. Qal li fl-ghaxar snin li kienu ilhom jahdmu flimkien kien hemm okkazjonijiet fejn l-ACE hallset lil Meyer and Meyer imma ma kellux il-*file* ghax kien fil-Germanja. F'xhieda ohra tieghu kompla jghid li fil-Germanja hemm il-bejjiegha li jkunu jridu jesportaw l-affarijiet taghhom gewwa Malta u ghalhekk Meyer and Meyer riedet agenzija gewwa Malta li hija ACE Freighters, jigifieri l- ACE Freighters qishom l-agenti f'Malta ta' Meyer and Meyer. Spjega li l-bejjieh ikun dejjem fil-Germanja u x-xerrej f'Malta. Hemm drabi meta ACE Freighters ikunu jridu johorgu *invoices* u l-arrangament kien li mbaghad huma jhallsu lil Meyer and Meyer. Jigifieri l-ewwel jiehu l-flus mit-trasport imbaghad jaghtuh lil Meyer and Meyer. In kontro-ezami gie mistoqsi jekk l-arrangament bejn il-Meyer and Meyer u l-ACE Freight huwiex arrangament bil-miktub u qal li iva. Fl-ewwel arrangament kien hemm li Meyer and Meyer kien ser juza l-agenzija ACE Freighters kienet ser tqassam l-affarijiet trasportati u tigbor l-flus dovuti. Qal li fl-ewwel arrangament kien hemm miktub li l-profitti kienu ser jinqasmu bejn t-tnejn. Qal li l-arrangament kien li per ezempju ACE Freighters tigbor DEM 5000 u l-ispejjez tat-trasport jkunu DEM4000 allura ACE Freighters jiehdu DEM 500 bhala profitt, dan ma jitnizzilx fuq l-invoice ghax huma jkunu diga naqqsu l-profitt taghhom mill-*invoice*.

Rat l-affidavit ta' Kai Jochinsen, fejn issemma li rapprezentant ta' l-attur ikkuntattjah b'ittra datata 12 ta' Dicembru 2000, fl-ittra u f'korrispondenza ohra spjegalu li z-zewg partijiet kellhom relazzjoni professjonali ghal diversi snin, u spiccat ghall-habta ta' Mejju 2000, fejn kien ghad baqa' bilanc dovut lill-attur ta' Lm14,000. Il-pagament bejn il-partijiet sar kull darba wara li l-konvenut ha xi flus li kienu dovuti lilu minn terzi, skond arrangament li kien hemm bejn il-partijiet. Skond *remittance advice* li l-konvenut ta lill-attur datata 24 ta' Frar 2000 kien hemm bilanc dovut lill-attur ta' xi Lm1,000.00. Dan l-ammont ghadu ma giex *settled* s'issa. Peress li bejn Frar u May 2000 kien gie moghti xi servizz mill-attur lill-klijenti komuni tal-partijiet, l-attur ried jiehu Lm14,000 ohra. F'Mejju tal-2003 kellem lill-konvenut biex isibu arrangament amikevoli, pero` ma ntlahaq ebda ftehim.

Xehed Kai Jochimsen u qal li r-relazzjoni bejn Meyer & Meyer Limited u Ace Freighters Limited kienet li kellhom *freight forwarding contract*. Ma kellux kopja ta' dan il-kuntratt. Sa kemm jaf hu ma kien hemm kuntratt bil-miktub imma verbali. Il-partijiet ftehmu li jirrangaw it-trasport bejn Malta u l-Germanja u minn Malta ghall-Germanja. Il-korrispondenza ma' Meyer & Meyer turi li hu personalment staqsihom jekk ircevewx il-fondi minn Danish Trade House u Dr. Haskamp bhala rapprezentant qal li le.

Xehed Saviour Mifsud, *Managing Director* ma' Ace Freighters Limited. Ipprezenta dokument lill-Qorti li kien gie preparat minnu u mill-awditur tieghu s-Sur John Zammit u anka min kollega li kienet tahdem mieghu, li jisimha Doreen Hili. Dwar it-talba ta' Meyer and Meyer qal li mid-dokument ta' Meyer bir-rispett kollu lejn il-kumpanija Meyer and Meyer, ircevew *invioces* fuq dak l-ammont li kien qed jghid li kienu ta' kumpanija ohra u mhux ta' Ace Freighters Limited fis-sens illi meta kienu l-agenti ta' Meyer and Meyer, dahlu ghax-xoghol u sabu li din il-kumpanija qalbet ma' kumpanija ohra *without any information*. Imbaghad spiccaw baqghu jircievu *invoices* indirizzati lil Ace Freighters Limited meta huma skoprew, li kienu ghan-nom ta' kumpanija ohra li kienu qed jahdmu

maghhom warahom u baqghu jmorru ghadhom. L-agent il-gdid kien baqa' jibaghthom ghandu xorta. Anzi mhux l-agent il-gdid, Meyer and Meyer baqghet tibaghthom ghandhom. Huma ovvjament meta skoprew li dawn minghajr informazzjoni ta' xejn ghal ebda raguni qalbu minn fuq Ace Freighters ghal kumpanija ohra, ma kellhomx alternativa ohra hlief li jaraw il-bilanci, x'hemm u x'mhemmx ghax ma semghu xejn. Mill-bilanci skoprew u dahlu fihom fid-dettal u fid-dettal sew hafna u informawhom li gew *in favour* li ghandhom jiehdu Lm24,657.65 minghand Meyer and Meyer. Taht gurament qal li huma korretti. F'xhieda ohra tieghu gie riferit lilu l-kliem li hu qal fil-21 ta' Novembru 2006 li jinstab rapportat a fol 182 u dan li fid-disa' linja tax-xhieda tieghu u dwar dan mistoqsi jekk sal-ahhar ta' Dicembru 2003 huma kienux kitbu dwarha din il-bicca tax-xoghol qal li iva huma kienu kitbu dwarha. Mistoqsi jekk setax jesebixxi dawn l-ittri qal li jobbliga ruhu li jekk isibhom dawn jesebihom permezz ta' nota fi zmien xahar. Spjega li meta hu semma fuq l-*invoices* qal li parti mill-*invoices* li huma rcevew, kienu dovuti minn kumpanija ohra. Sostna li appuntu l-*update* tal-*invoice* u l-bilanc dovut huwa indikazzjoni ta' dak li jkun fadal ghall-hlas. Ghalhekk bhala bilanci dovuti hu qal li ghandu jiehu u mhux jaghti u dan fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf Deutsch Mark u dan kien fl-2002 dejjem qal cirka dan l-ammont.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***<u>F1. Aspetti generali:</u>***

Illi din il-kawza giet intavolata mill-attur *nomine* stante li l-kumpaniji konvenuti (jew min minnhom) huma debituri lejn is-socjeta` attrici €35,273.00, liema somma hija dovuta bhala prezz ta' garr ta' merkanzija maghmula fuq ordni tal-konvenuti. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, is-socjeta` konvenuta eccepiet li l-allegazzjonijiet ta' l-attur *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-pagament dovut diga sar kollu. Gie eccepit ukoll li l-ammont pretiz mill-attur huwa preskritt u l-ACE Shipping Limited ma kellhiex x'taqsam ma' din it-tranzazzjoni. Fil-kontro-talba, il-konvenut sostna li l-attur *nomine* huwa debitur lejn is-socjeta` ACE Freighters Limited ghas-somma ta' €12,607.25. Sussegwentement gie eccepit li in linea

preliminari, il-kontro-talba tal-konvenut hija nulla stante li m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' liema mis-socjetajiet konvenuti, hekk hux ACE Freighters Limited jew ACE Shipping Limited, li qeghda fil-fatt, tezercita azzjoni ta' rikonvenzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 396 *et sequitur* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

***F2. Nota ta' riduzzjoni:***

Jinghad li permezz ta' nota ta' l-attur *nomine* tas-6 ta' Frar 2008 (fol 210), is-sorte gie ridott minn DEM70,996 ghal DEM63,222.35 (li huwa ekwivalenti ghal €32,325.07), u dan ghar-ragunijiet spjegati a fol 165 u 166 tal-process.

***F3. Eccezzjoni tal-preskrizzjoni:***

Is-socjetajiet konvenuti eccepew il-preskrizzjoni bhala t-tieni eccezzjoni. Sfortunatament ma stipulawx l-artikolu tal-ligi fuq liema qed issir l-eccezzjoni, u naturalment ma jemergix it-terminu preskrittiv. Dawn iż-żewġ punti huma rikjesti *ad validitatem* sabiex eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tiġi ikkunsidrata (independentement minn jekk din eventwalment tintlaqax jew le mill-Qorti), u dana kif diġa` ikkonfermaw il-Qrati tagħna għal diversi drabi, fosthom f'**Gauci vs Farrugia** (App. Inf. Ċiv. 22-06-2005); u **Maltacom plc vs Salina Co. Ltd.** (P.A. – 30-11-2004). Meta titqajjem eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'hemmx għalfejn issir referenza speċifika għall-artikolu tal-liġi ċitat kemm-il darba jkun evidenti għal liema preskrizzjoni l-eċċipjent ikun qed jirreferi [**Surprise Yachts Limited vs Rosso Joseph pro et noe** (P.A. – 21-04-2004)]. Izda fil-kaz in ezami la saret referenza ghall-artikolu, la saret referenza ghall-perjodu u anqas b'xi mod huwa evidenti ghal liema preskrizzjoni qed jirreferixxi l-eccipjent. Jigi osservat ukoll li ma saru ebda provi in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

***F4. Mertu tal-kawza:***

Irrizulta li kien hemm ftehim bejn l-attur nomine u s-socjeta` konvenuta, fis-sens li ACE Freighters kienet qed tagixxi bhala agent f'Malta ghall-kumpanija Meyer and Meyer, u xoghol l-agent f'Malta kien li jigbor il-flus ghat-trasport u mbaghad tghaddi nofs il-flus lura lill-kumpanija

Meyer and Meyer. Izda, ghalhekk kien hemm dan il-ftehim bejn il-partijiet, l-*agency agreement* fil-fatt, ma giex esebit. Il-kumpanija Meyer and Meyer u ACE Freighters Limited kienu ingaggjati minn klijenti taghhom fil-Germanja u Malta rispettivament.

L-attur *nomine* sostna li ghandu jithallas l-ammont li jidher fl-*excel spreadsheet* a fol 36 tal-process peress li dak l-ammont jikkonsisti f'dak l-ammont ta' *freight* li ngabar minn ACE Freighters u li m'ghaddewx lill-kumpanija Meyer and Meyer. Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta sostniet li hallsu l-ammont li kien dovut lil Meyer and Meyer, u li sadanittant huma ghandhom jiehdu l-ammont minghand Meyer and Meyer.

Il-partijiet kienu jużaw sistema ta' ħlas u konteġġi bejniethom, magħrufa bħala AMETA – fejn l-*invoices* taż-żewġ partijiet jiġu uniti flimkien, u t-*turnovers* jitpaċew kontra xulxin. Dan ifisser illi l-ispejjeż u l-introjtu ġenerati minn traġitt partikolari kienu jitniżżlu fuq fattura waħda irrespettivament minn min ikun daħħal jew ħareġ il-flus in kwistjoni. Wara li traġitt partikolari kien jintemm u l-merkanzija kienet tasal minn post sa post, kien jiġi kalkolat id-dħul u l-ħruġ ta' kull waħda miż-żewġ partijiet. Kemm il-qligħ kif ukoll l-ispejjeż kien jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Wara li jsir dan kollu kien imbagħad jitfassal il-bilanċ li jkun a favur ta' jew parti jew oħra, u r-riżultat kien ikun wieħed ta' ekwiparazzjoni bejn il-partijiet.

Irrizulta mill-provi li ACE Freighters Limited kienet qed tagixxi bhala agent ghall-kumpanija Meyer and Meyer fil-Germanja. Illi ACE Freighters sostnew li ma kienux involuti fit-tranzazzjoni in kwistjoni stante li Meyer and Meyer kienu bdew jahdmu b'kumpanija ohra hawn Malta. L-attur *nomine* fl-affidavit tieghu sostna li fir-rigward ta' *invoice* partikolari bin-numru 72003447, li kellha l-ammont ta' DM7,940 li kienu ilmentaw minnha ACE Freighters, gew imhallsa u ipprova dan bid-dokument a fol 136.

F'dan il-kuntest ta' min ighid ukoll li ghal dak sostnut mill-kumpanija ACE Freighters Limited li ma kienux involuti fit-tranzazzjoni in kwistjoni, u li ghalhekk ma rcieva l-ebda

flus fir-rigward ta' din it-tranzazzjoni, Dr. Clemens Haskamp ikkonferma li din it-tranzazzjoni kienet sehhet tramite ACE Freighters, u li ma kien hemm l-ebda ilment mill-klijenti li l-prodotti ma waslux, u fosthom issemma Transport EXM-284, fejn f'dan is-*shipment* kien hemm seba' klijenti differenti, u jirrizultalu mid-dokumenti li erbgha minnhom hallsu lil ACE Freighters (fol 52 u 53). Dr. Haskamp irrefera wkoll ghad-dokument tat-T.M.R. a fol 43 u 44 tal-process u spjega li m'hemmx timbru ta' ACE Freighters, u firma bhall-ohrajn ghax kienu *import shipments* lejn Malta. Fid-dokumenti l-ohra esebiti hemm it-timbru ta' ACE Freighters ghax kienu transazzjonijiet ta' esportazzjoni (fol 172).

Ta' min ighid li meta Saviour Mifsud xehed u obbliga ruhu li jesebixxi l-korrispondenza mibghuta, dan baqa' ma ghamlux u ghalhekk bil-fors li wiehed jikkonkludi li l-allegazzjoni tieghu li l-*invoices* kienu destinati ghal socjeta` ohra izda mhux tieghu, dan il-kumment ma giex sostnut b'mod validu.

Di piu`, id-dokumenti esebiti a fol 190 sa 198 kollha jgibu d-data ta' Mejju 2000 fejn kif kien gie konfermat mix-xhud Dr. Haskamp, f'Mejju 2000, ACE Freighters ma kienux ghadhom agenti ta' Meyer and Meyer. Ghalhekk is-somma reklamata mill-attur *nomine* hija s-somma dovuta lil Meyer and Meyer precedentement ghal dik id-data. Tant hu hekk li meta Saviour Mifsud fix-xhieda tieghu qal li meta skoprew li Meyer and Meyer kienu bidlu l-agent f'Malta, izda l-karti baqghu jigu ghandhom, sostna li kitbu fir-rigward ta' dan lil Meyer and Meyer, liema ittri izda ma gewx esebiti (fol 182 u 207).

***<u>F5. Kontro-talba:</u>***

Illi l-attur *nomine* sostna li l-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuti hija nulla u bla effett peress li ma hemmx indikazzjoni dwar min fil-fatt qieghed jaghmel it-talba rikonvenzjonali. Imkien ma hemm hjiel ta' isem liema socjeta` qed taghmel il-kontro-talba. Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 398(2) li jipprovdi:

"il-kontro-talba ghandha titressaq wara l-eccezzonijiet tat-talba originali li jsiru kif mehtieg bil-ligi; u l-konvenut

għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti f'dan il-Kodiċi jew f'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew".

Dan ifisser għalhekk illi r-regoli kollha kontenuti fl-Art. 154 et seq tal-Kap. 12 (qabel ma dawn l-Artikoli ġew emendati permezz ta' l-Att XXII tal-2005) japplikaw għal dan il-kaz. Kif sostna l-attur *nomine*, "punt kardinali fil-proċedura civili hija li kwalunkwe parti li qed tivvanta dritt fil-konfront ta' parti ohra trid tidentifika ruhha b'mod car u inekwivoku. Tant hu hekk illi llum il-ligi tirrikjedi li kull parti (sew jekk persuna fizika, jew persuna guridika) tidentifika ruhha billi tuza numru ta' identifikazzjoni, bħal numru ta' karta ta' l-identita`, jew numru tar-reġistrazzjoni maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Kieku din ir-regola fundamantali ma teżistix fil-ġurisprudenza tagħna mela dan ifisser illi kwalunkwe konvenut ma jista' qatt ikollu l-opportunitá illi jiddefendi ruħu f'kawża illi ssir kontrih, il-għaliex ma jista' qatt ikun jaf kontra min għandu fil-fatt jiddefendi ruħu, u xi drittijiet u/jew obligazzjonijiet jeżistu (jekk jeżistu) bejnu u bejn il-parti l-oħra fir-rigward tat-talba li qed issir fil-konfront tiegħu". Sal-lum ghadu mhux identifikabbli liema socjeta` ghamlet il-kontro-talba, u naturalment ghalhekk l-attur *nomine* anqas jaf kontra min ghandu jiddefendi ruhu. Ghal dawn il-motivi t-talba rikonvenzjonali qed tigi michuda.

***<u>F6. L-eccezzjoni dwar ACE Shipping Limited:</u>***

Fl-eccezzjoni tal-konvenuti numru 3 a fol 11 gie eccepit li ACE Shipping Limited m'ghandhiex x'taqsam xejn ma' din it-tranzazzjoni u qatt ma kellha relazzjonijiet mal-attur *nomine*. Meta wiehed jifli d-dokumenti esebiti fil-process isib li l-korrispondenza kienet dejjem indirizzata mill-attur *nomine* lil ACE Freighters Limited u ma jidhirx li fil-fatt kien qed isir negozju ma' ACE Shipping Limited u ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ACE Shipping Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Il-provi dokumentarji tal-konvenuti kienu jikkonsistu f'komputazzjonijiet li l-kumpanija ACE Freighters stess ghamlet. Mix-xhieda u dokumenti provduti mill-attur

*nomine* din il-Qorti, kif spjegat hawn fuq, hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta naqset milli tipproduci l-provi necessarji f'din il-kawza, waqt li s-socjeta` attrici gabet provi sufficjenti li juru li l-kreditu pretiz minnha fil-fatt kien dovut mis-socjeta` ACE Freighters Limited.

Illi ghalhekk, kif spejgat fl-"F4" hawn fuq, ma giex pruvat li gja sar il-pagament kollu u ma hemm xejn dovut, u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Kif spjegat fl-"F3" hawn fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Kif spjegat fl-"F6" hawn fuq, l-eccezzjoni ta' ACE Shipping Limited qed tigi milqugha, u ghalhekk tillibera lill-istess socjeta` mill-istess osservanza.

Kif spjegat fl-"F5" hawn fuq, il-kontro-talba hija fil-fehma tal-Qorti, nulla u bla effett.

Kif spjegat fl-"F4" hawn fuq, il-Qorti tiddikjara lis-socjeta` konvenuta ACE Freighters Limited debitrici lejn l-attur *nomine* fis-somma ta' €32,325.07 u wara li rat in-nota ta' riduzzjoni (ara "F2" hawn fuq).

Tikkundanna lis-socjeta` ACE Freighters Limited thallas lill-attur *nomine* l-ammont ta' €32,325.07.

Spejjez kontra s-socjeta` ACE Freighters Limited, hlief dawk relativi ghal ACE Shipping Limited li jibqghu a karigu ta' l-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------